MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 41/2011

**Giulia Briffa**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet flimkien mal-Onorevoli Prim’Ministru u l-Onorevoli Ministru responsabbli ghall-Ambjent, l-Onorevoli Ministru tal-Intern u l-Awtorita’ ta’ Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar u b’digriet tas-27 ta’ Settembru 2011 gie msejjah fil-kaz l-Avukat Generali**

Din is-sentenza titratta l-eccezzjoni tal-intimati li r-rikorrenti ma ezawritx ir-rimedji ordinarji skond kif jitlob l-

Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Il-kaz jitratta dwar l-ilment tar-rikorrenti fir-rigward ta' ghalqa maghrufa bhala tal-Madliena, Triq il-Fortizza, limiti tal-Gharghur b'kejl ta' 2,458.72 metri kwadri. Ir-rikorrenti ssostni li skond il-pjanta tal-1989, valida sa Awissu 2006, kejl ta' 251 metri kwadri kien inkluz f'zona ta' zvilupp ghall-bini ta' vilel. Issostni li fil-pjan lokali ta' Awissu 2006 l-art giet inkluza f'zona maghrufa bhala Spazju Miftuh ghall-pubbliku (*Public Open Space*). Ir-rikorrenti tilmenta li b'dan 'il fatt il-Gvern ta' Malta gie li esproprija *de facto* l-fond tar-rikorrenti bi ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, inkwantu nehha d-dritt taghha li tizviluppa l-art minghajr ma nghatat kumpens u r-rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati ta' Awissu 2006 ma tikkontemplax tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta' fl-interess pubbliku. Inoltre tilmenta minn ksur tal-Artikolu 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni ghaliex issostni li r-rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati ta' Awissu 2006 ma tassigurax dritt ta' access lill-qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Maghmula dawn il-premessi qeghda titlob li l-qorti:

*"(1) tiddikjara li r-rizoluzzjoni parlamentari li bis-sahha taghha sar il-pjan lokali tat-3 ta' Awissu 2006 biddlet id-destinazzjoni tal-porzjon tal-proprjeta' tal-esponenti Giulia Briffa, tal-kejl superficjali ta' sitt mija wiehed u tletin metri kwadri (631mk), hekk kif indikata fil-mappa CV5 u mmarkata bil-kulur ahmar (Dok. C5), minn art fabbrikabbli ghal art li hija jew ta' importanza, jew sensittivita, biologika jew ghal art li hija spazju miftuh pubbliku (Public Open Space); u*

*2. Sussisdjarjament u minghajr pegudizzju ghall-ewwel talba, tiddikjara r-rizoluzzjoni parlamentari li bis-sahha taghha sar il-pjan lokali tat-3 ta' Awissu 2006,nulla u bla effett, inkwantu tilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti Giulia Briffa hekk kif protetti permezz tal-Art. 37(1)(a) u 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni ghal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Art. 1 tal-Ewwel*

*Protokoll tal-istess Konvenzjoni, inkorporati fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja, Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta; jew alternattivament*

*3. sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba tiddikjara li r-rizoluzzjoni parlamentari li bis-sahha taghha sar il-pjan lokali tat-3 ta' Awissu 2006 in kwantu tilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti Giulia Briffa hekk kif protetti permzz tal-Art. 37(1)(a) u 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni ghal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni inkorporati fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, tillikwida l-kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi, bi stima li tirrifletti l-posizzjoni tas-suq fl-2006; u*

*4. sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel u tielet talba, u flimkien maghhom, tordna lill-konvenuti ihallsu l-kumpens hekk kif komputat u likwidat ai termini tat-tielet talba, lill-esponenti Giulia Briffa, bl-ispejjez kollha u l-imghax legali mit-3 ta' Awissu 2006 il-quddiem; u*

*5. sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghar-raba' talba, tordna kull provvediment iehor skond il-ligi."*.

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottimissjonijiet tal-intimati.

**<u>Fatti</u>**.

1. Ir-rikorrenti hi proprjetarja ta' ghalqa fil-limiti tal-Gharghur.
2. Skond il-Pjan Regolatur Provvedimenti Temporanji (TPS) tal-1988 f'parti mis-sit seta' jsir certu zvilupp.
3. Bl-introduzzjoni fl-2006 tan-North Harbour Local Plan, iz-zoning tas-site fejn ghandha l-proprjeta' Briffa gie mibdul minn art li parti minnha tista' tigi zviluppata ghall-*Public Open Space*. Il-perit Peter Cefai, ufficjal tal-Awtorita' intimata, fisser zona simili bhala *Recreational Area* (fol. 46). Dan ix-xhud spjega wkoll li dan sehh

minhabba li *"…. Waqt l-ezercizzju li kien qed jaghmel id-direttorat ta' l-ippjanar irrizulta li l-art fejn hemm il-proprjeta tifforma parti minn Wied id-Dis. Dan minhabba ragunijiet ambjentali, ittiehdet id-decizjoni, li ma jistax isir zvilupp fih….. jirrizulta li kif intlaqtet il-proprjeta' tar-rikorrenti, intlaqtu artijiet ohrajn proprju fejn ma jistax isir zvilupp."* (fol. 56).

4. Ghalkemm ir-rikorrenti ppremettiet li l-pjan lokali kien ghadda b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati, dan m'huwiex minnu. L-Artikolu 27 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap. 356) kien jipprovdi ghall-procedura biex isiru l-pjani sussidjarji, fosthom il-pjan lokali. Illum hemm l-Artikolu 58 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap. 504). Imkien ma jinghad li l-pjan lokali jidhol fis-sehh b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

**Kwistjoni**.

Din is-sentenza titratta dwar it-tezi tal-intimata li r-rikorrenti ghandha jew kellha mezzi xierqa ta' rimedju skond ligi ohra, ghall-ksur allegat.

Mill-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hu evidenti li hi fid-diskrezzjoni ta' din il-qorti tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha fir-rigward ta' ilmenti relatati ma' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali. Fil-fatt f'dawn id-disposizzjonijiet jinghad li:

*"Izda l-Qorti **tista',** jekk **tqis** li tkun desiderabbli li hekk taghmel……."* (enfazi tal-qorti).

Fil-kawza **Joseph Arena nomine vs Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fis-16 ta' Novembru 1998, il-Qorti Kostituzzjonali osservat:-

*" [….] hija korretta s-sottomissjoni ta' l-appellat illi n-non-ezawriment tar-rimedji ordinarji mhux eccezzjoni formali stante li l-Qorti tezercita diskrezzjoni jekk taghtix rimedju jew le biss jekk u meta jirrizulta rimedju iehor effikaci kontra l-allegat ksur ta' dritt fundamentali. Il-principju kostituzzjonali huwa illi l-Qorti Kostituzzjonali hija marbuta*

*li taghti u ghandha taghti rimedju hlief fejn tkun sodisfatta li ma jkunx hemm rimedju xieraq u adegwat taht xi ligi ohra. Pero' mhux eskluz li taghti wkoll rimedju kostituzzjonali fil-kazijiet fejn jirrizultalha illi r-rikorrent kellu wkoll xi rimedju taht xi ligi ohra. Stabbilit li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili kellha kull jedd li ma tiddeklinax li tezercita s-setghat taghha anke li kieku kienet sodisfatta li l-appellant kellu mezz xieraq ta' rimedju aliunde u li dan setghet taghmlu fl-ezercizzju tal-poteri diskrezzjonali li l-istess Kostituzzjoni ttiha….. "*.

Imbaghad fis-sentenza **Paul McKay vs Kumissarju tal-Pulizija et** (9 ta' Ottubru 2001) il-Qorti Kostituzzjonali osservat:-

*"Jista' jkun hemm kazijiet fejn il-Qorti nonostante l-fatt illi ma kienx hemm uzu tar-rimedju ordinarju xorta ma tiddeklinax li tiehu konjizzjoni tal-ilment kostituzzjonali u taghti rimedji kif effettivament gieli gara f'kazijiet li verament huma rari, imma li jezistu specjalment meta jirrizulta jew li r-rimedju fi kwlaunkwe kaz ma kienx ikun effettiv jew inkella meta c-cirkostanzi tal-kaz kienu tali li jirrikjedu azzjoni mmedjata u li r-rikors ghar-rimedju ordinarju seta' ikun tali li jaggrava s-sitwazzjoni u l-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali."*.

**Sottomissjonijiet tal-intimati eskluza l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (19 ta' April 2013)**.

1. It-tezi ta' dawn l-intimati hi li r-rikorrenti kellha rimedju ordinarju in kwantu setghet tirrikorri ghall-procedura kontemplata fl-Artikolu 81 tal-Kap. 504. Il-qorti ma taqbilx ma' din it-tezi in kwantu dak il-provvediment jitratta dwar ordnijiet ta' konservazzjoni. Dan il-kaz m'huwiex dwar ordni simili. L-ilment tar-rikorrenti hu li fil-pjan lokali tal-2006 l-art taghha giet inkluza f'zona ta' *Public Open Space*, cjoe' f'zona fejn m'ghandux isir bini meta qabel kienet inkluza f'zona fejn seta' jsir bini ta' vilel.

2. Argument iehor hu li r-rikorrenti setghet taghmel kawza ghall-stharrig ta' eghmil amministrattiv taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, li hu l-mezz ta' kif cittadin jista' jimpunja att amministrattiv. Fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2011 id-difensur tal-Awtorita Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sostna li l-ordni tal-Ministru li biha fl-2006 dahal fis-sehh il-Pjan Lokali in kwsitjoni, tikkwalifika bhala att amministrattiv *"…. li jfisser li r-rikorrenti trid l-ewwel tezawrixxi r-rimedji qabel tipprocedi b'kawza kostituzzjonali."*(fol. 43)[1]. F'dan ir-rigward il-qorti tqies li:-

(a) Il-pjan lokali m'huwiex att amministrattiv kif definit fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12. F'dan il-kuntest issir riferenza ghal sentenza li nghatat minn din il-qorti fis-17 ta' Gunju 2013 fil-kaz **Falcon Investments Limited vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**. Dak il-provvediment jipprovdi ghall-stharrig ta' ghemil amministrattiv fil-kaz ta' *"ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika."*. Kliem li ghandu jigi nterpretat *ejusdem generis*, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Carmelo Borg vs Il-Ministru responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern et**, 8 ta' Novembru 2005. Din il-qorti m'hijiex tal-fehma li pjan lokali jista' jikkwalifika bhala att amministrattiv jekk l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jigi nterpretat *ejusdem generis*.

(b) Att amministrattiv normalment jolqot persuna partikolari. Mhux l-istess jinghad fil-kaz ta' pjan lokali.

(c) B'ligi l-Awtorita' intimata ghandha obbligu li tapplika l-pjanijiet lokali fl-ipprocessar ta' applikazzjoni (Artikolu 69 tal-Kap. 504). Din m'hijiex kwistjoni ta' diskrezzjoni.

(d) Li jigi kwalifikat bhala ghemil amministrattiv jkun ifisser li l-qorti tkun tista' tissindika l-pjan lokali dwar jekk huwiex ragonevoli. Fil-fehma tal-qorti din ma kenitx l-intenzjoni tal-legislatur meta fl-Att relattiv ipprovda li l-Awtorita' ghandha tapplika l-pjanijiet meta tigi biex tiddeciedi dwar applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp.

(e) Ukoll jekk wiehed ma kellux jaqbel ma' din il-fehma u jsostni li l-pjan lokali approvat mill-Ministru responsabbli

[1] Tezi li ma regghetx issemmiet mill-Awtorita fin-nota li pprezentat fit-22 ta' April 2013.

hu wiehed mill-atti amministrattivi li jissemmew fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12, il-qorti ma tifhimx a bazi ta' liema wiehed mill-paragrafi tal-Artikolu 469A(1)(b) qatt setghet tilmenta r-rikorrenti. Dan meta ufficjal tal-Awtorita' ddikjara li l-ghan li z-zona tigi nkluza fil-pjan lokali bhala *public open space* kien ghall-protezzjoni tal-ambjent. M'huwiex bizzejjed li l-intimati jghidu li r-rikorrenti kellha rimedju taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Sabiex eccezzjoni simili tirnexxi l-qorti trid tigi konvinta li fic-cirkostanzi partikolari, tali rimedju verament kien jezisti. Fil-fehma tal-qorti li tipproponi kawza li ma tista' twasslek imkien mhu l-ebda rimedju xieraq.

**<u>Sottomissjonijiet tal-intimati Awtorita' Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ( ara nota tat-22 ta' April 2013)</u>**.

1. It-tezi ta' din l-intimata hi li r-rikorrenti kellha rimedju fis-sens li:-

(a) Naqset milli tippartecipa fl-istadju ta' konsultazzjoni pubblika qabel dahal fis-sehh il-pjan lokali - Bhala fatt dan m'huwiex kontestat. Pero' dan in-nuqqas ma jfissirx li r-rikorrenti kienet qeghda tirrinunzja ghal kwalsiasi dritt li tikkontesta dak li sar. Il-fatt li fl-istadju meta kienet qeghda ssir id-diskussjoni tal-abbozz tal-pjan lokali ma jtellifx id-dritt tar-rikorrenti li tressaq l-ilment taghha ghal konsiderazzjoni ta' din il-qorti. Il-provvedimenti li jipprovdu ghall-ezawriment tar-rimedji ordinarji huma ntizi li persuna qabel tipproponi proceduri ta' din ix-xorta tirrikorri ghar-rimedji ordinarji. Ovvjament fejn ma jezistux tali rimedji ghandha kull jedd li tipproponi azzjoni ta' din ix-xorta. Inoltre, minn dak li fehemet il-qorti, hu car li f'dan il-kaz il-partecipazzjoni tar-rikorrenti ma kienet ser taghmel l-ebda differenza. Il-perit Cefai spjega kif kien gie *".... Stabbilit li l-areas in kwistjoni Wied id-Dies, ghandu valur ekologiku Level 3 AE1, u valur xjentifiku level 1 SSI."* (fol. 56-57).

(b) Kellha rimedju skond l-Artikolu 28 tal-Kap. 356 – F'dan il-kaz l-Artikolu 28 tal-Kap. 356, illum Artikolu 59 tal-Kap. 504, ma seta' offra l-ebda rimedju. Hu minnu li hemm certu kazijiet fejn ic-cittadin jista' jaghmel talba sabiex isir tibdil zghir fil-pjan lokali. Pero' tibdil minn zona fejn mhux suppost isir zvilupp ghal zona fejn jista' jsir

zvilupp m’huwiex tibdil zghir. F’dan ir-rigward l-Artikolu 59(4) tal-Kap. 504 ighid x’inhu tibdil zghir u jipprovdi li *“tibdil fit-tqassim ta’ żoni f’sit li ma jkunx intiż biex fih isir żvilupp.”* ma jikwwalifikax bhala tibdil zghir. Ghalhekk l-argument tal-Awtorita’ u minghajr bazi.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad l-eccezzjoni preliminari li r-rikorrenti naqset milli tezawrixxi r-rimedji ordinarji, u tordna li jitkompla s-smiegh tar-rikors. Spejjez a karigu tal-intimati**.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------